MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Numru 789/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Ramon Cassar**
**vs**
**Jean Pierre Bonnici**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jean Pierre Bonnici ta’ 24 ena iben David u Mria Consiglia nee’ Sultana mwieled Pieta fid-19 ta’ Ottubru 1983 u residenti 77 Davecil, Triq il-Falkunier Zejtun, ID 552383M.**

**Akkuzat talli fl-1 ta’ Jannar 2008 ghall-habta tas-2.00am fil-Belt Valletta, kkommetta serq ta’ telefon cellulari u hwejjeg minn stabbiliment fl-isem ‘Heat’ ghad-dannu ta’ Anna Maria Kerr u jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur.**

**U iktar talli fid-9 ta' Gunju 2008 u fix-xhur ta' qabel f'hinijiet differenti f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghom jew imexxiehom.**

**Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet, liema ammissjoni hu kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Ghaldaqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi.**

**Rat ukoll li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva biss ghall-ewwel imputazzjoni.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(d) (f), 270, 267, 280(1) u 279(2) u 334 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu waqt li mhix tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.**

**Minhabba li kien hemm**

**(a) Ammissjoni bikrija**
**(b) Li l-fedina penali ta' l-imputat hija ghal kollox nadifa**
**(c) L-ghoti lura mill-imputat ta' l-affarijiet kollha li hu kien ha lil sidhom,**

**Flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sena millum.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------